# ĦREJJEF QODMA

Hawn Malta u Għawdex, bħal artijiet oħra, għandna ħafna ħrejjef qodma, li mhux ta' min iħallihom jintilfu. Ħafna minnhom ilhom li ntilfu, oħrajn qegħdin jintilfu. Tisma xi xiħ igħidlek: Kien igħid missieri.... dan u dan; imma ma jafx il-biċċa kif kienet sewwa; jagħtik x'taħseb biss li dik darba kienet ħrafa sabiħa li l-lum intsiet. U hekk intilfu ħafna ħwejjeġ li satgħu jkunu ta' dawl kbir għall-istorja ta' ġensna. Għax l-istorja ta' Malta, tista' tkun magħrufa wisq aħjar b'xi qlajja qodma u ħrejjef bħal dawn, billi d-dokumenti ta' l-istorja huma aktarx miktuba millbarranin, li ma kellhom ebda ġibda u rabta ma' Malta. Il-Maltin, sa minn dejjem maħkumin minn ħaddieħor, qatt ma satgħu jedukaw ruħhom kif jixraq lil popln ċivil; u biss f'dawn l-aħħar żmenijiet, wara li twaqqfet l-Università, satgħu huma jagħmlu "kuxienza nazionali" u xtaqu jfakkru ġrajjiethom.

Għalhekk aħna ħsibna li nġibu, k'jista' jkun sa l-inqas waħda, dawk il-ħrejjef imxerrdin ma' gżirietna, hekk kif joħorġu minn fomm il-poplu, minngħajr ebda tibdil ta' xejn. Dan ixxogħol qabdu jagħmluh oħrajn qabilna; iżda billi dan mhux xogħol ta' wieħed waħdu, ma' waslux biex iġibuhom kollha. Għalhekk aħna nistiednu dawk il-ħbieb tal-Malti kollha li jinsabu mxerrdin ma' Malta u Għawdex, biex jiktbu huma nfushom dawk il-ġrajja li jafu jew jisimgħu, u jibagħtuhomlna; u aħna mbagħad wara t-tgħarbila (kritika) meħtieġa inġibuhom fuq dan il-perjodiku.

WIGI PORTELLI

28 ta' Lulju 1934